MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Numru. 90/2002

Il-Pulizija
(Sp Silvio Valletta)
vs
Carmel Joseph Farrugia, iben Carmel,
imwieled Paola fis-17 ta’ ottubru, 1951

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fl-Imsida fid-29 ta’ jannar, 2002, wara nofs in-nhar, bil-qerq, ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ġirkostanża, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanża, ikunu jistgħu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta’ reat;
2. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi, iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq

ħoloq traċċi ta’ reat b’mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar;

3. talli f’dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanżi, bil-ħsieb li jikseb għalih innifsu jew għal ħaddieħor il-ħlas ta’ flus ta’ sigurta’ kontra riskji, jew xi qliegħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġja, xerred ‘l hawn u ‘l hemm jew għarraq b’xi mezz li jkun ħwejjeġ tiegħu;

4. talli f’dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanżi, ħalef il-falz quddiem maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b’liġi li jagħti l-ġurament, liema ġurament kien meħtieġ mill-liġi, jew ordnat b’sentenza jew b’digriet ta’ waħda mill-qrati ta’ Malta;

5. talli f’dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanżi, irrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li kien instab ħati b’sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta’ Lulju, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

a. fl-artikoli 110(1)(2) u 295 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali; u
c. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Lulju, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok għandu jiġi sottolineat il-fatt li l-proċess oriġinali nħaraq fin-nirien li ħakmu l-uffiċċju tal-Qorti kif

presjeduta fl-14 ta’ lulju, 2004 u għalhekk mhux għal kollox komplet.

Illi fid-29 ta’ jannar, 2002 għal ħabta tal-4.30 p.m. il-pulizija ġiet infurmata li kien seħħ ‘hold up’ fil-fond tas-soċjeta’ Anstat Limited, l-Imsida. Meta l-pulizija marru fuq il-post u bdew l-indaġini tagħhom saru jafu li Anthony Farrugia kien sab lill-imputat, li hu d-direttur tas-soċjeta’ hawn fuq imsemmija, marbut fuq siġġu bit-tape. L-imputat kien fi stat ta’ ‘shock’. Il-pulzija bdew jaħdmu fuq dan il-każ iżda kif xehed l-uffiċjal prosekutur kien hemm xi ħaġa mhux f’postha. Huma bdew jaħsbu lid an il-‘hold up’ kien montatura.

Illi skond ix-xhieda ta’ Anthony Farrugia hu kien telaq mis-‘showroom’ għal ħabta tas-sagħtejn ta’ wara nofs in-nhar. Hu mar jagħmel qadja l-Mosta u mar lura fil-post imsemmi għal ħabta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofs in-nhar. Sab is’shutter’ magħluq ċempel lill-imputat fuq il-‘mobile’ tiegħu iżda ma rrispondihx. Għalhekk, ċempel lit-tfel ta’ l-imputat, li jismu Rodney, u lill-mart l-imputat.

Illi ftit wara Anthony Farrugia biddel din il-versjoni tal-fatti u qal lill-pulizija li ħmistax qabel l-inċident l-imputat kien ħajru biex jagħmel din il-biċċa tax-xogħol. Anthony Farrugia qal lill-pulizija fejn l-imputat kien ħeba xi affarijiet fosthom server ta’ computer u safe. Hu xehed li kien hu stess li rabat lill-imputat bit-tape qabel ma mar il-Mosta.

Illi l-imputat dejjem ċaħad il-versjoni tal-fatti kif ġiet esposta minn Anthony Farrugia u xehed li daħlu fuqu erba’ min-nies li talbuh il-flus. Hu kkonsenja l-kartiera tiegħu iżda huma riedu aktar. Għalhekk, ikkonsenja bagalja li kien fiha Lm43,000 fi flus maltin. Dejjem skond l-imputat huma kienu jafu li kien hemm safe u hu ħaseb li dawn in-nies ħadu dan is-safe. Dan is-safe instab fil-bini tal-kumpanija u qatt ma ġie miftuħ. Meta wasal iż-żmien li jinfetaħ ġara l-ħruq tal-14 ta’ lulju, 2004 u minn dan is-safe ma fadal xejn. Jirrizulta li l-bagalja nstabet vojta barra l-bini iżda Anthony Farrugia jgħid li kien hu li poġġieha hemm.

Illi waħda mill-akkużi tirrigwarda l-fatt li din il-fatt seħħ biex l-imputat jipperċepixxi kumpens mingħand l-assikurazzjoni għaliex kien f' sitwazzjoni finanzjarja ħażina. Mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda polza ta' assikurazzjoni dwar telf ta' flus kontanti u għalhekk zgur mhemmx dan il-motiv li seta' jispira lill-imputat.

Illi l-ewwel żewġ akkużi huma bazati fuq il-fatt jekk l-imputat iddenunzjax reat li jaf li ma sarx u il-konsegwenza ta' dan il-fatt.

Illi akkuża oħra hi li ħalef il-falz. Mill-provi prodotti l-unika xhieda li għandha din il-Qorti hi x-xhieda ta' l-imputat fil-mori ta' din il-kawża meta hu offra x-xhieda tiegħu.

Illi fl-atti ta' din il-kawża hemm żewġ versjonijiet djametrikament opposti. Fil-fehma ta' din il-Qorti hemm dubju raġonevoli li għandu jmur favor l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------